TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/307/11/S

Karl Frank Mercieca

Vs

Joseph Abela

Illum 4 ta'Jannar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Karl Frank Mercieca datata 6 ta'Lulju, 2011 u r-risposta ta' Joseph Abela datata 10 ta'Settembru, 2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fit-2 ta'Diċembru, 2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar tiswijiet jew in-nuqqas tagħhom, fil-vettura tar-rikorrent kif ukoll rigward xi tbajja li saru waqt ix-xogħolijiet;

Illi jingħad mal-ewwel li t-Tribunal hu ffaċċjat b'żewġ verżjonijiet differenti;

Illi fir-rigward tat-tbajja, dawn jirriżultaw u l-intimat aċċetta li jnaddaf il-vettura għalkemm ir-riżultat ma kienx ta' sodisfazzjon għar-rikorrent;

Illi għal dak li tħallas, il-bibien tal-vettura għandhom ikunu jistgħu jinfetħu u jingħalqu;

Illi ġjaladarba l-vettura kienet fil-kustodja tal-intimat, dan għandu jaġixxi ta' *bonus pater familias* fil-konfront tal-vettura li kienet fil-pussess tiegħu; (vide sentenzi "Emmanuele Mifsud vs Carmela Saliba" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta'Jannar, 1957 u "Adelina Sant vs Emanuel Caruana" deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta'Jannar, 2007)

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' in parte it-talba tar-rikorrent Karl Frank Mercieca u Jiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Joseph Abela, fis-sens li l-istess Joseph Abela għandu jeżamina u jsewwi il-'lock' tan-naħa ta' wara tax-xellug tal-vettura b'dan li kull bieba tkun tista' tinfetaħ u tingħalaq manwalment u dan fi żmien xahar mill-lum, u Jordna lill-intimat Joseph Abela iħallas lir-rikorrent Karl Frank Mercieca is-somma ta' €20 għat-tbajja kaġunati, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888